MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Numru. 576/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**MICHAEL CARABOTT**
**(ID Nru. 480177M)**

Illum, 17 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Carabott, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 480177M.

**Akkuzat talli:**

F'Mejju 2013 u fil-gimghat ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer assocja ruhu ma` xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-istampa.

Talli kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon minghajr ma kellu licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, instab fil-pussess tieghu l-ammont ta` munizzjoni li jeccedi hames t'elef (5000) balla / skartocc, u precisament hamsin elf (50,000) balla / skartocc u dan bi ksur tal-artikolu 20 (c) tal-ligi sussidjarja 480.02.
Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll bis-sahha tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li rat l-eta` tal-imputat;

Rat il-Fedina Penali netta tal-imputat;

Rat il-fatt illi l-imputat huwa sajjied irregistrat u giet assenjata lilu kwota tat-tonn;

Wara li rat il-fatt illi l-arma regolari hija tan-natura *power head* u ghalhekk tidher li hija wzata biss ghall-qtil ta` hut kbir sabiex dan jittella fuq il-bastiment tas-sajd;

Wara li dina l-Qorti rat il-fatt illi l-hamsin elf (50000) balla jew skartocc, meta l-ligi tistipola massimu ta` hames t'elef (5000) balla jew skartocc, il-Qorti giet rassikurata mid-difiza li dan l-ammont huwa sahansitra bizzejjed ghal ghaxar sajdied u ghalhekk *tenendo conto* tas-sena tal-imputat jista` jitqies bhala *stock* zghir sabiex huwa jkun jista` jipprattika l-professjoni;

Wara li rat l-Artikoli 23, 48, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u Artikolu 5 (1), 51(1) (b) (2) (3) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 20 (c) tal-S. L. 480.02.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat f'dan l-istadju tal-kawza ma thalli ebda alternattiva ohra hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Il-Qorti tirrileva li piena karcerarja ezekuttiva mhix imposta *per necessita`* mil-ligi u li thalli lill-Qorti d-diskrezzjoni meta l-kaz ikun wiehed ta` pussess ta` arma regolari jew munzjoni jkun wiehed zghir hafna li f'dan il-kaz din il-Qorti hija sodisfatta li hu.

Illi min-naha l-ohra r-reat huwa wiehed ta` natura serja fis-sens illi *si tratta* zamm illegali ta` arma u kwantita` ta` munizzjon li jeccedi l-limitu propost mil-ligi u ghalhekk il-piena li ghandha tinghata ghandha tkun wahda adekwata sabiex issir u tidher illi ssir il-gustizzja.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti tordna ghalhekk il-konfiska tal-vann esebit kif ukoll tal-munizzjoni u tal-arma elevati. Dina l-Qorti qiedgha tikkundanna lill-istess imputat ghall-hlas ta` multa ta` elf ewro (€1,000) b'sitt (6) xhur zmien ta` hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------